MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 647/2006

**Guido Vella Limited**

**Vs**

**Brian Camilleri**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf tas-socjeta` attrici li ppremettiet:

Illi ghandha rapprezentanza guridika tal-istess.

Illi l-intimat ghandu jaghti lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' hamest elef mitejn u tmienja u tletin lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm 5,238.23), bilanc minn somma ikbar, skond statement of account, eskluz l-imghax relattiv

ikkalkulat fuq kull fattura indikata fl-istess statement of account, u liema somma tirraprezenta valur ta’ prodotti li l-intimat xtara minghand is-socjeta` rikorrenti.

Illi l-ammont premess huwa kreditu cet, likwidu u dovut, u, fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta), sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi, fil-fehma ta’ l-istess socjeta`, l-intimat m’ghandu l-ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba tal-hlas tal-istess ammont imsemmi.

Illi l-intimat gie interpellat diversi drabi, sabiex ihallas l-imsemmi debitu, izda baqa’ inadempjenti.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldqastant, ghar-ragunijiet premessi, ighid l-intimat, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ghandiex, prejva kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta Malta.
2. Tiddikjara li l-intimat, ghandu jaghti lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ hamest elef mitejn u tmienja u tletin lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm5,238.23), oltre l-imghax kummercjali kkalkulat fuq kull fattura relattiva, sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha.
3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ hamest elef mitejn u tmienja u tletin lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm5,238.23), oltre l-imghax kummercjali kkalkulat fuq kull fattura relattiva, sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha.

Bl-ispejjez kollha, u bl-imghax kummercjali kif hawn fuq premess, kontra l-intimat.

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------